MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 376/2005/1

**Avviz Numru: 376/05/CSH**

**Jean-Pierre u Iliana konjugi Azzopardi (ID 529952M) u 270453M rispettivament)**

**vs**

**Joseph Rosso (ID 438235M) f'ismu propju u f'isem u in rappresentanza ta' Sealink Marine Centre u Grace Rosso (ID 584832M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fis-7 ta' Dicembru 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ghoxrin ta' Gunju, 2005 fejn l-atturi Jean Pierre u Iliana konjugi Azzopardi talbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti jirrifondulhom dik il-parti mill-prezz li hallsuhom u li tigi likwidata mill-istess Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, meta bieghulhom Bayliner Cierra Express, Grazja PTF 1763 (illum MFC 1763) li ghandha n-numru tal-hull USCA5 ICPL 596 li ma kinitx tal-kwalita' pattwita. Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jaghmlu tajjeb ghan-nuqqasijiet li kellha d-dghajsa, dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.*

*Ghall-finijiet ta' kompetenza gie ddikjarat li l-valur ma jeccedix is-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000).*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Rosso pro et noe et pprezentata nhar it-28 ta' Mejju, 2005 fejn eccepixxa bir-rispett:*

*Preliminarjament illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikoli 1390 u 1407 tal-Kodici Civili b'din illi l-attur iddekadew mid-dritt li jressqu l-azzjoni minnhom promossa.*

*Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u fil-meritu, d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom, stante illi mhux minnu illi l-lanca in kwistjoni ma kinitx tal-kwalita' pattwita.*

*Salv kull eccezzjoni ulterjuri.*

*Sussegwentement nhar is-sebgha ta' Marzu, 2006 il-konvenut pro et noe et pprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fejn issottometta:*

*Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet moghtija minnu permezz tan-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-28 ta' Jannar, 2005, jeccepixxi ulterjorment bir-rispett:*

*Illi l-azzjoni pprezentata mill-atturi hija rritwali stante illi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili ma japplikawx ghac-cirkostanzi tal-kaz u huma nvokati biss ghaliex l-atturi naqsu milli jezercitaw ir-rimedji taht l-artikolu 1424 tal-Kodici Civili fiz-zmien stabbilit mil-Ligi.*

*Illi kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni u l-provi tal-kawza l-allegazzjonijiet tal-atturi ghar-rigward tad-dghajsa in kwistjoni kienu dejjem dwar vizzji okkulti u ghaldaqstant irrimedji taghhom huma dawk kontemplati taht l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili, liema rimedji huma preskritti a tenur tal-Artikolu 1431 (1).*

*Illi l-azzjoni ex contractu taht l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili hija esperibbli biss meta l-oggettipprezentat ghall-konsenja jkun sostanzjalment differenti minn dak kuntrattat u r-rimedji a disposizzjoni tal-atturi taht dan l-Artikolu huma illi jew jirrifjutaw il-kunsinna jew altrimenti jaccettaw il-kunsinna bi prezz anqas u ghaldaqstant din l-azzjoni ma hijiex esperibbli mill-atturi gjaladarba accettaw il-kunsinna tad-dghajsa minghajr rizervi u ghamlu uzu taghha ghal zmien determinat.*

*Illi minghajr pregudizzju l-atturi naqsu milli jottemperaw ruhhom mad-dettami precizi tal-Ligi sabiex jiddefendu ruhhom kontra l-allegata inadempjenza kontrattwali tal-esponenti u ghaldaqstant l-azzjoni a tenur tal-Artikolu 1390 ma hijiex sostenibbli.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Rat illi nhar it-tmintax ta' Mejju 2006, xehed il-konvenut* ***Joseph Rosso*** *(a fol. 24) fejn iddikjara li m'ghandu l-ebda debitu favur l-atturi. Filwaqt li kkonferma li huwa biegh lill-atturi l-bayliner indikat fl-avviz, zied pero' li l-bejgh kien kompletat u esegwit kif suppost. Cahad il-pretensjonijiet tal-atturi.*

*Rat illi dakinhar tat-tmintax ta' Mejju, 2006 l-atturi pprezentaw l-affidavit taghhom immarkat bhala Dok. "JPA 1" (a fol. 26 et seq.). Huma jghidu li ltaqghu l-ewwel darba mas-Sur Joe Rosso f'Gunju tal-2006 meta marru ghand Sealink Marine Centre bhala l-agenti u d-distributuri tal-Bayliner Boats f'Malta, bil-hsieb li jixtru Bayliner gdida. Dan min-naha tieghu ikkonvinciehom jixtru boat li skont hu kienet intuzat biss xi hamsa u ghoxrin siegha u li kienet ilha fil-mahzen tieghu xi erba' snin. Din kellha n-numru ta' registrazzjoni USCA5 ICPL 596, kellu jkollha garanzija ta' sitt xhur u kienet se tiswihom inqas minn wahda gdida. Qalilhm li prattikament kienet gdida fjamanta u ma kellhiex 'wear and tear' la strutturalment u lanqas mekkanikament, u skont Rosso sidha kien irritornaha ghax ma lahhaqx mal-pagamenti taghha. Din il-bayliner kellha magna petrol ta' Day Cruiser (5.7 litres V8 Mercruiser). Is-Sur Rosso qalilhom li din il-magna kienet ekonomika u fil-fatt hu stess kien mar sa Sqallija u lura biha (circa 120 mil) b'inqas minn 55 gallun li jesa t-tank taghha. Huma qalulu li ma kellhomx bzonn hafna speed, ghax riduha ghas-sajd, u Rosso wegibhom li allura l-konsum kellu jonqos, ghalkemm meta uzawha rrizultalhom li dan ma kienx minnu.*

*L-atturi jghidu li huma qaghdu fuq il-kelma tal-konvenut ghax dehrilhom li bhala agent huwa kien ta' min jafdah. Ghaldaqstant xtraw din id-Day Cruiser, skont kuntratt datat dsatax ta' Lulju, 2002 esebit u mmarkat (Dok. "A1", "A2" u "A3"). Jghidu li mbaghad bdew l-esperjenzi morri.*

*L-ewwel li sabu kien kellha batterija wahda biss, u s-Sur Rosso accetta li jinstallalhom ohra bla hlas, izda wahda mill-batteriji xorta kellha tinbidel a spejjez tal-atturi f'Gunju 2003 (Dok. 5) wara biss tliet xhur meta suppost kienet taht il-garanzija. Din il-batterija gdida nxtrat minghand is-Sur Rosso stess, pero' prezzha ghadu ma giex rifuz lilhom. Il-habel li tahom, lanqas ma kien tat-tul pattwit (Dok. "A 2"), allura s-Sur Rosso tahom bicca habel iehor, li ma kienx tal-istess kwalita', izda z-zewg hbula flimkien xorta huma inqas mill-35 metru stipulat.*

*Inoltre jsemmu li l-'undercarriage' tas-siggu tas-sewwieq kien difettuz ghax ma joghliex u kien maqsum, u ghalkemm is-Sur Rosso pprova jsewwieh ma rnexxilux (Dok. "C 7"), izda rrifjuta li jikkumpensahom tieghu.*

*L-atturi jkomplu li f'Marzu 2004, is-Sur Rosso kien accetta li jhallashom tal-pontun 'berthing fee' ghall-perjodu tal-1 ta' Gunju 2002 sal-31 ta' Dicembru 2002 (Dok. "6") skont ftehim (Dok. "2"), pero' dan qatt ma sar. Rega' kkonferma li kien dispost ihallashom fit-28 t'Apirl, 2004(Dok. "N") u dan ma sarx.*

*Il-konjugi Azzopardi jghidu li l-ewwel darba li uzaw il-boat kien fit-2 t'Awissu, u mill-ewwel dahal l-ilma fil-kabina, apparentement minn taht il-'gunnel' (fejn id-deck tehel mal-qoxra) minn xi tlieta jew erba' postijiet. Is-Sur Rosso ssuggerielhom li peress li ma kinitx xi haga gravi jaghmlilhom it-tiswijiet meta l-boat tittella' fuq l-art ghax-xitwa. Izda l-affarijiet bdew jiggravaw u sahansitra s-saqaf beda joqtor fuq il-panel tal-istrumenti fix-xitwa u fil-bahar qawwi, u dan seta' wassal ghal xi 'short circuit.' L-attur jghid li fit-tlieta u ghoxrin ta' Novembru 2002, waqt li kien qed jistad fuq il-boat mal-assistant tas-Sur Rosso, certu Johnny Bray, it-tliet storage compartments tal-kabina mtlew sa fuq nett bl-ilma u fin-naha l-bacca tal-kabina kien hemm xi sittax-il pulzier ilma, hafna armar beda jghum fl-ilma u kull ma kien hemm fil-kabina inkluz it-tapezzerija u t-tapiti saru ghasra. Minhabba l-piz zejjed tal-ilma, kien difficli li d-Day Cruiser tigi mmanuvrata kif suppost.*

*Sussegwentement indunaw li apparti mill-gunnel, l-ilma dahal ukoll mill-ghatu tal-horn. L-atturi jghidu li meta xtraw il-boat kienu gibdu l-attenzjoni tas-Sur Rosso ghall-fatt li dan kien mghawweg, pero' dan kien assigurahom li dan kien biss difett kozmetiku. It-tiswijiet fil-gunnel u fl-ghatu tal-horn mis-Sur Johnny Falzon tal-Crown Fibre Works, fuq struzzjonijiet tas-Sur Rosso. L-atturi jsostnu li ma kienux sodisfatti bix-xoghlijiet ghaliex is-Sur Rosso naqas li jipprovdi r-'replacement frame' u r-'rubber fender strip' tal-'gunnel', u konsegwentement kellhom jintuzaw 'washers' taht ir-'rivet heads' u l-'gunnel' u issa huwa*

*mqabbez f'diversi partijiet. Isostnu li dan inaqqas mill-valur tad-Day cruiser.*

*Is-Sinjuri Azzopardi lmentaw li mill-bidu nett kienu nfurmaw lis-Sur Rosso bil-hela zejda ta' petrol. Allura kienu talbu parir tal-espert f'dan it-tip ta' xoghol, certu Stephen Bajada, li kien tal-opinjoni li l-magna kellha bzonn tinqala' u li l-hsara li gratilha kien proprju ghaliex ghamlet erba' snin wieqfa. Meta ffaccjaw lis-Sur Rosso b'dan, huwa ma qabilx u nkariga marine mechanic iehor, cioe' lil Matthew Bajada. Dan min-naha tieghu hass li seta' jsolvi l-problema billi jzarma u jnaddaf il-karburatur. Dan ix-xoghol sar qabel is-sebgha ta' Gunju, 2003 (Nota 22 datata 11/5/05- Dok. F).*

*Ikomplu jghidu li rcevew fattura minghand is-Sur Rosso biex ibiddlu l-pompa tal-ilma difettuza, li izda huma kienu rritornawhielu minghajr ma uzawha ghax xtraw ohra minn band' ohra. Jghidu li skontd il-ftehim li kien hemm mas-Sur Rosso, suppost kellu jaghmel tajjeb ghal din il-hsara peress li kienet ghadha bil-garanzija, u dan m'ghamlux (Dok. 3). Barra minn hekk jghidu li s-seats tan-naha tal-port*
*ma kienux imwahhlin f'posthom bil-boltijiet kif suppost, u li sussegwentement fid-19 ta' Lulju 2002 skoprew li l-"fire extinguisher" li kienu xtraw minghand is-Suru Rosso bhala gdid, fil-verita' kien ilu li skada mill-1996, barra li kien zammilhom id-doppju tal-prezz ghalih (Dok 2). L-attur jghid li meta pprotesta mas-Sur Rosso dwar il-fire extuinguisher, dan ried itih iehor gdid, imma l-attur jghid li m'accettax ghax ried izommu bhala evidenza.*

*Imbaghad jghidu li s-Sur Rosso kien assigurahom li l-'hardtop' tal-boat kienet giet zarmata u ssigillata mill-gdid, pero' minn spezzjoni li saret innutaw li dan ma sarx u l-attur*
*kellu jaghmel ix-xoghol hu stess, ghalkemm mis-saqaf xorta baqa' jidhol l-ilma. Jghidu li hareg difett iehor li kien mohbi, u cioe' li meta wahhlu l-handrail, beda hiereg l-ilma mill-poppa 'l fuq mill-waterline u aktar tard anke minn taht il-waterline. Pero' skont is-Sur Rosso dawn kienu affarijiet zghar u kien lest li jiggarantixxi li l-hull tibqa' tajba ghal*

*hames snin minghajr ma ssuggerixxa li titnixxef u tissewwa. Is-Sinjuri Azzopardi jghidu li ma kinux lesti li jaccettaw tali garanzija jekk ma tkunx gejja mill-Bayliner Boats innifishom, izda wara hareg car li meta s-Sur Rosso ntebah kemm dan id-difett kien serju, lanqas biss ikkomunika maghhom biex igibilhom din il-garanzija, kif jidher minn e-mail datata 23 ta' Settembru 2004 esebita f'Dok. "E".*

*Ghal dawn ir-ragunijiet id-Day Cruiser kellha taghmel ix-Xitwa tal-2003 fuq l-art u meta regghet giet varata fis-27 ta' Gunju 2003, wara biss ghaxar minuti, rega' daqq l-alarm tal-overheating tal-magna. Meta l-mechanic tas-Sur Rosso ezaminaha rrizultalu li l-magna riedet tinqala' u l-manifolds kellhom jinbidlu. It-tiswijiet bdew nhar l-4 t'Awwissu 2003 u tlestew fit-12 ta' Settembru 2003.*

*Sussegwentement saret laqgha fejn kienu prezenti s-Sur Azzopardi, s-Sur Rosso, certu Joe Cassar habib tas-Sur Rosso u mechanic tal-karozzi, l-mechanic tad-dghajjes tas-Sur Rosso Matthew Bajada u mpjegat iehor tas-Sur Rosso certu Damian. L-attur jghid li Joe Cassar kien qal li la l-magna ghamlet erba' snin ma tintuzax, messha giet maqlugha qabel ma regghet intuzat. Hawnhekk il-konvenut kien accetta li tigi ffejsjata s-cylinder head u jinbidlu l-manifolds, a spejjez tieghu. Pero' l-attur esiga li qabel isiru dawn l-affarijiet il-magna kellu jsirilha 'cylinder pressure test' u jkun infurmat kemm kellhom jiehdu zmien dawn ix-xoghlijiet, izda s-Sur Rosso ma kienx lest li jaghti time frame ghaliex qal li l-mechanic tieghu ma tistax torbot fuqu. Meta l-attur issuggerielu li jqabbdu mechanic iehor huwa rrifjuta, izda qabel li jhallas tax-xoghol u tal-parts.*

*Saru cylinder pressure tests mill-mechanic tas-Sur Rosso stess u anke mis-Sur Tony Dalli, Marine Surveyor u dawn taw ir-rapport taghhom datat 5 t'Awwissu 2003 (Dok. "G"). It-tiswijiet ukoll saru minn Matthew Bajada. Fir-rapport finali*
*tieghu datat 6 ta' Settembru 2003 is-Sur Dalli kkonferma li l-magna kellha difett konsegwenza tal-perjodu twil ta' snin li damet l-art. (Dok. "D 1" sa "D 6"). L-atturi jsostnu li b'dawn id-difetti ma kienu jafu xejn meta xtraw id-dghajsa.*

*L-atturi esebew kopja t'ittra mibghuta lis-Sur Rosso fejn hemm elenkati t-talbiet taghhom (Dok. "F") flimkien ma' kopji tal-kontijiet u dokumenti ohra, kif ukoll kopja ta' dikjarazzjoni moghtija mis-Sur Rosso (Dok. "L"). Huma jitolbu wkoll li jigu rimborsati ghal spejjez ohra li ghamlu fl-ammont ta' Lm199.50 (Dok. "Q") u Lm100 spejjez tas-survey tat-28 ta' Mejju, 2005 (Dok. "S").*

*Jghidu li fis-26 t'April 2005 bghatu ittra registrata lill-konvenut (Dok. I) u sussegwentement baghtu e-mail (Dok "J" u "J 1"), u sahansitra hadulu ittra bl-idejn, fejn ghamlu proposta lis-Sur Rosso, ghal liema proposta dan ma wiegeb xejn. Ikkonfermaw li ma hallsux it-tlettax-il kambjala ta' Lm227.28-il wahda li kienu jkopru l-perjodu bejn il-31 ta' Lulju 2003 u l-31 ta' Lulju 2004, semplicement ghax irrifjuta li jirrifondilhom l-ispejjez li ghamlu tal-hsarat. Fit-28 t'April 2004 (Dok. "N") kien offrielhom is-somma ta' Lm570.77, izda l-atturi m'accettawhiex u fil-21 ta' Gunju 2004 (Dok. "P") is-Sur Rosso talabhom jergghu inaqqsu t-talba taghhom u huma pprovaw jakkomodawh billi permezz ta' ittra tal-5 ta' Lulju, 2004 (Dok. "O") naqqsu Lm125.46 ohra, izda s-Sur Rosso rega' njora t-talba taghhom.*

*Fit-tmienja ta' Mejju 2008, xehed l-**attur** viva voce (a fol. 200 et seq.) in kontro-ezami. B'referenza ghall-affidavit tieghu tat-2 ta' Frar 2006, ikkonferma li mar ghand is-Sur Rosso bil-hsieb li jixtri dghajsa gdida, li timxi b'low speed. Ikkonferma li kien jaf li d-dghajsa in kwistjoni ma kinitx gdida, u li l-konvenut kien qal lilu u lil martu li din kienet prattikament gdida u li ghamlet erba' snin wieqfa. L-attur qal li din kienet l-ewwel dghajsa tieghu u li ma jifhem xejn fid-dghajjes. Filwaqt li jghid li meta mar biex jixtri ma hax surveyor mieghu, jghid ukoll li ma hassx li kellu ghalfejn jiddubita lill-konvenut meta qallu li kien l-agent tal-Bay Liner, ghalkemm fil-fatt wara kien skopra li ma kienx. F'Lulju 2002 is-Sur Rosso kien baghtlu mpjegat tieghu, John Bray, biex jghallmu kif juzaha bhal per ezempju jiccekkja z-zejt, kif jistarja u kif jipparkja. Spjegawlu wkoll kif jaghmel routine maintenance.*

*Ikkonferma li mill-ewwel dahal l-ilma fil-boat u li kellha konsum eccessiv tal-fuel, u li dwar dan kellem mill-ewwel lis-Sur Rosso, li min-naha tieghu qallu biex jiehu pacenzja u jibqa' jgawdi l-istagun, ghaldaqstant baqa' juzaha sa Novembru ghalkemm b'inkonvenjenzi kbar. Barra minn hekk jghid li ma dehrlux li kellu jirritornaha mill-ewwel, ghaliex kellu fiducja li l-konvenut kien se jzomm kelmtu li jirranga l-affarijiet. Qal li jista' jkun li effettivament tella' d-dghajsa ghax-Xitwa f'Jannar 2003. Saritlu referenza ghad-dokumenti "R4, 5 u 6" annessi mal-affidavit tal-konvenut, u kkonferma li jaghraf il-firma tieghu. Spjega li Dok. "R 4" huwa dokument li huwa mela meta ha l-boat ghas-service f'Jannar ghalkemm ma jiftakarx x'talab li jsir. Ikkonferma li Dok. "R 7" huwa invoice u cioe' li huwa effettivament ghamel il-pagament ghax-xoghlijiet li saru.*

*F'affidavit iehor prezentat fit-28 ta' Mejju, 2008 filwaqt li jsemmi xi korrezzjonijiet fit-traskrizzjoni, jghid li fil-fatt il-boat ittellghet fit-23 ta' Novembru 2002, kumdita' tal-konvenut. B'referenza ghal pagna 2 paragrafu 3 jghid li mhux hu mela din il-formola, izda giet mimlija mis-Sur Rosso, ghalkemm iffirmaha hu. Jirreferi ghall-paragrafu 4 ta' pagna 2 u jghid li filwaqt li s-Sur Rosso kien thallas ta' kollox, ma kienx familjari mad-Dok. "R 7" u lanqas qatt ma nghata kopja ta' dan id-dokument.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Ailwyn Cuschieri*** *(a fol. 107 et seq.) ipprezentat mill-atturi. Dan ix-xhud jiftakar li darba mar jistad mal-attur fuq id-dghajsa tieghu 'Grazja'. Kien hemm ukoll persuna ohra. Wara xi saghtejn daru lura u meta gew biex jinzlu mid-dghajsa ndunaw li fil-kabina kien hemm kwantita' t'ilma, hafna affarijiet kienu qed jghumu u t-tapezzerija kienet imxarrba ghasra. Jghid li l-ilma kien dahal mill-gunnel, u huma battluh permezz ta' barmil.*

*Rat li nhar it-tmintax t'Ottubru 2003 xehed* ***Tony Dalli*** *(a fol. 112 et seq.), Marine Engineer u Surveyor ghal aktar minn ghaxar snin. Jghid li fis-6 ta' Settembru 2003 kien ghamel survey fuq id-day cruiser, Bay liner bl-isem 'Grazja' fuq inkarigu tal-atturi. Filwaqt li kkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu esebit a fol. 42 tal-process, spjega li huwa rriskontra difett fil-magna konsistenti*

*f'corrosion fl-exhaust system, liema difett kien iwassal ghal 'overheating' tal-manga u 'excess consumption' ta' fuel. Jghid li l-fatt li d-dghajsa ghamlet xi erba' snin wieqfa, ikkontribwixxa hafna ghal dan id-difett. Minn compression test tal-magna, rrizultalu li l-pressjoni fic-cilindri kienet baxxa u kien hemm bzonn li jinbidlu l-piston rings li kienu tilfu hafna mill-funzjonabilita' taghhom. Ix-xhud spjega li t-tiwsijiet fuq il-magna saru fuq struzzjonijiet tieghu u wara l-magna bdiet tahdem sew, ma baqghetx tishon, u l-konsum tal-petrol naqas. Kompla jispjega kif minn xi apertura minn fejn jitwahhal il-fender ta' madwar id-dghajsa, dahal l-ilma fil-hull u l-injam tmermer. Biex dan jissewwa trid issir spiza kbira, cioe' xi seba' mitt lira.*

*In kontro-ezami jghid li mhux specjalista fil-bini tad-dghajjes, u li kienu l-atturi stess li qalulu li d-dghajsa kienet ghamlet erba' snin wieqfa, pero' ma setax jeskludi li ntuzat fis-sajf ta' sentejn qabel ma raha hu, cioe' hmistax-il xahar wara li nxtrat. Ix-xhud ammetta li ma staqsiex lill-atturi jekk kemm kienet ilha ghandhom kinux ghamlulha service regolari, u lanqas ma ndaga biex jara kemm ghamlet zmien fil-bahar sakemm kienet ghandhom. Kompla jispjega li kien sab toqba fil-hull fejn suppost jehel il-horn, li ma kinitx mghottija tajjeb, u li minnha wkoll kien qed jidhol l-ilma, u li probabilment l-ilma fil-hull kien dahal minn hemm ukoll.*

*Rat li fis-seduta ta' nhar it-tlieta 16 ta' Ottubru 2007 xehed* ***John Falzon*** *prodott mill-atturi (a fol. 182 et seq.) li ddikjara li huwa jahdem il-'fibre glass' u ilu jibni opri tal-bahar ghal dawn l-ahhar erbghin sena. Ikkonferma li huwa kien wahhal il-hand rail fuq il-Bay Liner 'Grazia' tal-atturi. Ix-xhud qal li meta taqqbu biex iwahhlu l-handrail, hareg l-ilma mill-fibre. Spjega li din il-boat hija mibnija 'sandwich construction', u cioe' li hemm zewg qoxriet li bejniethom hemm il-foam, bhal speci ta' membrane. Qal li meta taqqbu minn hawn hareg l-ilma, u dan waqt li d-dghajsa kienet fuq l-art. Sostna li mhux suppost li johrog ilma, ghalkemm ikkonferma li l-ammont ta' ilma ma kienx wiehed kbir, anzi spjega li kien 'qisu xi kikkra.' Inoltre qal li biex wiehed ikun jaf xi hsara hemm, trid titqaccat. Mistoqsi jekk effettivament giet kreat osmosis, wiegeb li mhux*

*f'posizzjoni li jghid, ghalkemm zied li sakemm raha hu ma kienx hemm.*

*Ikkonferma li f'Marzu u Mejju tal-2003 il-konvenut kien qabbdu jaghmel xi tiswijiet fuq din id-dghajsa, pero' cahad li kien sab ilma fil-kabina, pero' zied li meta waslet ghandu d-dghajsa kienet diga' tnaddfet. Jghid li t-tiswijiet li huwa ghamel kienu fil-gunnel, u li effettivament kienu diga' bdew isiru xi tiswijiet fuqu ghaliex parti minnha kienet maqlugha, u huma komplew isewwu fuqu. Ghamlu wkoll refill. Spjega li huma m'ghamlu l-ebda materjal gdid apparti s-silicon u b'hekk il-fender gie daqsxejn imbewwaq. Jghid li ntuza sealer taht kull pop rivet. Sussegwentement il-haddiema tas-Sur Rosso ssigillaw il-kumplament tal-fender. Apparti dan sar xoghol fil-kabina, fis-sens li nghata l-fibre glass.*

*Meta rega' xehed fl-ghaxra ta' Lulju 2008,* ***John Falzon*** *ikkonferma li kien l-attur li qabbdu jaghmel xoghol fid-dghajsa, ghalkemm ma jiftakarx meta saru x-xoghlijiet, ghalkemm zgur fix-xitwa. Lanqas ma kien jaf kemm id-dghajsa kienet ilha ghand l-attur, ghalkemm jiftakar li xi xahrejn qabel kien raha fil-garaxx tal-konvenut. Gie muri skizz li jinsab fl-atti, pero' ma jiftakarx jekk kienx hu li ghamlu. Jghid li t-toqba li ghamel hu m'hix kif indikata f'dan l-iskizz, ghaliex hu kien tqabbad jaghmel toqba fuq ix-xellug 'il fuq mill-waterline, u minn hawn hareg daqs kikkra ilma, izda ma kienx jaf jghid jekk kienx ilma helu jew mielah. Sussegwentement l-attur kien qabbad lill-Inginier Paul Cardona biex jispezzjoni d-dghajsa, imma ma jiftakarx li hu kellmu.*

*In kontro-ezami jghid li kien il-konvenut li qabbdu jaghmel is-sealing tal-gunnel, ghalkemm id-data ma ftakarhiex. Jghid li l-problema principali kienet fil-flunge tad-dghajsa u li effettivament kien diga' sar xi xoghol mis-Sur Rosso allura huma komplew bl-istess xoghol meta d-dghajsa giet f'idejn l-attur. Jaf li l-horn kien imwahhal hazin u li f'xi zmien kienu taqqbu xi zewg toqob 'at the lowest part' tad-dghajsa, naturalment minn gewwa, biex jaraw jekk kienx hemm ilma, pero' ma kienx hemm.*

*Rat li fis-sittax t'Ottubru, 2007 l-atturi pprezentaw affidavit ulterjuri taghhom permezz ta' nota (a fol. 135 et seq.) Flimkien ma' dan l-affidavit huma pprezentaw numru ta' dokumenti li juru l-komuniki li saru bejnhom u s-Sur Rosso.*

*Nhar is-sebgha ta' Dicembru, 2007 l-atturi pprezentaw tliet affidavits, partikolarment dak ta' Matthew Bajada, ta' Stephen Bajada u iehor tal-atturi stess. Fl-affidavit taghhom l-atturi jikkonfermaw dak li qalu fl-affidavit taghhom precedenti.*

*Fl-affidavit tieghu* ***Matthew Bajada*** *( a fol. 188 et seq.) jghid li s-Sur Rosso kien talbu jaghmel service fuq il-magna*
*tad-Day Cruiser bl-isem 'Grazja' li s-Sur Jean Paul Azzopardi kien xtara minghandu. Ikkonferma li ghal dan il-ghan kien uza l-parts imsemmija fuq il-cash sale tas-Sealink, datata 21 ta' Frar 2003, li tammonta ghal Lm188.38, li kienet thallset direttament mill-attur. Jghid li fil-fatt dan is-service sar fil-5 ta' Gunju 2003 u tieghu thallas Lm100.46 mis-Sur Azzopardi stess. Jghid li s-Sur Rosso kien talbu wkoll jaghti opinjoni dwar jekk l-istess magna kellhiex bzonn tinqala', pero' hu kien hass li jekk jitnaddaf il-karburatur, il-problema setghet tissolva. Iddikjara li x-xoghol fuq il-karburatur ghamlu f'Gunju 2003 pero' l-problema baqghet hemm u wara li ghamel Sea Trial u Cylinders Pressure Test, biddel fehmtu. Effettivament qala' l-magna u konsegwentement il-problemi ta' hela zejda ta' fuel u overheating gew risolti. Ikompli jghid li f'Lulju 2003 kienet inzammet laqgha fil-garaxx tas-Sur Rosso fejn hu kien issuggerixxa li qabel ma ssir 'overhaul' tal-magna kien ikun ahjar li jsir pressure test. Izda s-Sur Rosso rrifjuta li dan isir. Jghid li ghal din l-laqgha kien prezenti wkoll habib tas-Sur Rosso, mechanic, li wkoll kien tal-opinjoni li magna li tkun ilha wieqfa erba' snin, ikollha bzonn tinqala' qabel terga' tintuza. Hawnhekk is-Sur Rosso accetta li jsiru t-tiswijiet a spejjez tieghu, imma rrifjuta li jaghti ndikazzjoni ta' data ta' meta setghu jitlestew ix-xoghlijiet.*

*Fl-affidavit tieghu* ***Stephen Bajada*** *(a fol. 195) jghid li kien tqabbad mill-attur biex jara ghaliex id-dghajsa Baylincer Ciera 2256 bl-isem 'Grazja' kienet qed tahli ammont esagerat ta' fuel. Jghid li meta sar jaf li din id-dghajsa ghamlet erba' snin wieqfa, kien ta parir lis-Sur Azzopardi li l-magna kellha bzonn tinqala' u ssirilha 'overhaul', li sussegwentement sar minn huh Matthew Bajada u wara dan ix-xoghol il-konsum tal-fuel gie ghan-normal.*

*Fit-tmienja ta' Mejju 2008 gie esebit ukoll affidavit tal-konvenut* ***Joseph Rosso*** *(a fol. 202 et seq.) li ddikjara li huwa sid id-ditta Sealink Marine u tad-ditta Glassfibre Industries li ghandha d-dealership tad-ditta Bayliner gewwa Malta. Jghid li f'Mejju 2002 l-attrici Iliana Azzopardi kienet marret ghandu flimkien ma' binha biex jaraw lanca second hand tal-marka Bayliner tnejn u ghoxrin pied bl-isem ta' Grazja, li huwa kellu ghall-bejgh. Xi xahar wara l-attrici regghet marret din id-darba ma' zewgha u urew interess li jixtru din id-dghajsa, u effettivament xtrawha fid-19 ta' Lulju 2002 ghall-prezz ta' erbatax-il elf Lira Maltin (Lm14,000). Esebixxa kopja tal-ftehim (Dok. "R 1-R 3"). Il-prezz imsemmi kien jinkludi diversi affarijiet relatati mal-lanca, nkluz il-pontoon A8 fil-marina tal-Imsida bil-berthing fees imhallsa sal-ahhar tas-sena 2002. Ikkonferma li d-dghajsa li xtraw kienet dik li raw ghandu, u li huma kienu jafu li hija second hand u xtrawha tale quale (bun in full working order) b'garanzija ta' sitt xhur (cioe' sad-19 ta' Jannar 2003) ghal 'defective parts only'. Qal li ma kien hemm ebda garanziji ohra dwar kwalita' jew xort' ohra.*

*Il-hlas sar permezz ta' depositu ta' elf Lira Maltin mal-ftehim, tmien mitt Lira mal-konsenja u l-bilanc ta' hamest elef Lira thallsu fuq perjodu ta' sentejn b'erbgha u ghoxrin kambjala ta' Lm227.28-il wahda. Ikkonferma li ghalkemm dan il-bilanc ma thallasx bil-mod miftiehem, illum thallas kollu. Spjega li l-berthing fees thallsu mill-atturi, izda gew pacuti ma' xi xoghlijiet addizzjonali li l-attur kien talbu jaghmel fuq il-lanca. Kompla jghid li skont il-ftehim huwa kellu jnizzel il-lanca l-bahar u jwassalha sal-pontoon, u fil-fatt dan ghamlu, u sa fejn jaf hu minn hemm l-atturi bdew juzawha regolarment.*

*Cahad dak li qalu l-atturi fl-affidavit taghhom li f'Awwissu u xi drabi ohra kienu kellmuh dwar dhul t'ilma fil-lanca u jghid li l-attur kellmu biss ghall-ahhar ta' Novembru meta qallu li kien mar jistad u hu u diehel lura kien dahal l-ilma fil-kabina. Jghid li hu kien wiegbu li meta jtellaghha ghax-Xitwa kien jaraha, izda l-attur tellaghha biss f'Jannar 2003, u li dak iz-zmien id-dghajsa ma kienx fiha ilma, u li nnota li l-horn tal-pruwa kien maqlugh (probabilment b'xi daqqa li qalghet il-planca), u ghalhekk kien hemm toqba ta' xi tliet pulzieri, li skont hu l-ilma dahal minnha.*

*Cahad l-allegazzjonijiet tal-atturi ta' dhul ta' ilma mill-gunnel, ghax sostna li l-bini tad-dghajsa ma jippermettix li dan isehh, u zied li semmai jidhol gol-qiegh. Barra minn hekk zied li biex jidhol l-ammont ta' ilma li semmew l-atturi, d-dghajsa trid tkun damet taht l-ilma ghal zmien twil. Ammetta li fl-ahhar tas-Sajf tas-sena 2002 l-attur kien ilmenta mieghu li l-magna kienet qed tahli hafna fuel, u kien qallu li certu Stephen Bajada kien tah parir li kellha bzonn 'overhaul', pero' hu wiegbu li l-hela tiddependi fuq bosta fatturi fosthom fuq kif tinsaq id-dghajsa. U minn hemm ma rega' sema' xejn dwar dan.*

*Ikompli li fit-22 ta' Jannar 2003, l-atturi talbuh itellaghlhom id-dghajsa ghal 'winter maintenance and storage' skont klawsola 17 tal-ftehim (Dok. "R 2"). Meta ghamlu dan l-attur*
*iffirma Storage/Service Form fejn hemm indikat lista ta' xoghlijiet li kellhom isiru fuq il-lanca (Dok. "R4-R6"). Spjega li x-xoghol li l-atturi ndikaw li xtaqu li jsir huwa biss Routine Maintenance u ma semmew xejn dwar 'overhaul' jew xoghlijiet straordinarji fil-magna. Qal li l-maintenance kellu jsir a spejjez tal-atturi, skont l-istess ftehim, u kienu huma li tkellmu mal-mechanic. Ikompli li dak iz-zmien l-atturi ma semmew xejn dwar difetti mohbija tal-lanca, jew li ma kinitx tal-kwalita' pattwita. Jghid li issa l-garanzija kienet skadiet, u li sa dan iz-zmien l-atturi ma qanqlu l-ebda ilment. Qal li spjega lill-attur, li minhabba d-daqs tad-dghajsa din m'ghandhiex tintuza ghal sieghat twal ta' sajd bir-rixa ghaliex jekk il-magna tinzamm at low revs ghal sieghat twal, jingema' l-carbon fiha u ssirilha l-hsara. Jghid li sakemm kienet qed issir il-maintenance fuq id-*

*dghajsa, l-attur kien kull darba jaqla' xi haga ohra biex jaghmluhielu u jippretendi li dan isir bla hlas. Ikkonferma li l-atturi hallsu tax-xoghlijiet u l-parts (Dok. "R 7"). Ikompli li sussegwentement l-atturi talbuh jiehu l-lanca ghand John Falzon tal-Fibreglass, ghax xtaqu jaghmlulha xi alterazzjonijiet, ghalkemm ezatt x'sar ma jafx.*

*Aktar tard, ghall-habta ta' Gunju, l-attur kien ilmenta li l-magna kienet qed tishon u ghalkemm dan kien it-tieni stagun li kienu qed juzawha u l-garanzija kienet spiccat kienu qed jippretendu li l-haddiema tieghu jezaminaw il-magna u jekk hemm bzonn isewwuha, a spejjez tieghu, ghax bdew jghidu li kien hemm difetti mohbija fil-magna. Jghid li ghalkemm meta kkonsenjahlhom id-dghajsa, din kienet tahdem sew, offra li jaqla' l-magna a spejjez tieghu, izda mbaghad l-attur beda jinsisti b'certa arroganza li jrid ikun jaf kemm ser idumu x-xoghlijiet , li wassal biex hu (x-xhud) irtira l-offerta tieghu, ghax kien jidher li l-attur kien bniedem li ma tikkuntentah b'xejn. Il-konvenut jghid li huwa qatt m'accetta li l-magna kellha xi difetti mohbija.*

*Dwar il-compression test ta' Matthew Bajada li hu msemmi wkoll fir-rapport ta' Anthony Dalli, jghid li dan hu rrilevanti ghaliex sar sena wara li l-lanca bdiet tintuza mill-atturi, u inoltre rrizulta li minn tmien cilindri tnejn biss kienu taht il-livell accettabbli u t-telf ta' compression huwa kompatibbli m'uzu hazin tal-magna, cioe' li tintuza ghal sieghat twal at low revs. Dan jidher ukoll mir-rapport tal-Ing. Joseph Caruana anness u mmarkat bhala Dok. "R 9" (paragrafu 11). Jghid li l-konkluzjoni ta' Anthony Dalli fir-rapport tieghu li l-hsara li saret fil-magna kienet tort tal-erba' snin li ghamlet wieqfa hija hazina ghaliex matul dawn l-erba' snin huwa kien iqabbadha regolarment u nzammet fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, tant li hu personalment fis-sena 2001 tela' biha Siracusa (Dok. "R 8"). Insista li meta kkonsenja d-dghajsa lill-atturi, kienet fi stat tajjeb. Jinsisti wkoll li l-lanca li ta lill-atturi, hija l-istess wahda li huma raw, u kienu jafu li hija second hand. Fil-fatt jghid li fis-sentejn li damu jikkorrispondu dwar il-kwistjoni, l-atturi qatt ma semmew li d-dghajsa ma kinitx tal-kwalita' pattwita, izda dejjem ilmentaw li kellha difetti mohbija, haga li hu qatt m'accetta.*

*Rigward il-horn maqlugh, jichad li dan kien hekk meta biegh id-dghajsa lill-atturi, ghax kieku l-atturi kienu jindunaw bih mill-ewwel. Jispjega li l-fire extinguisher qatt ma kien intuza u ma ndunawx li c-certifikat kien skada, izda l-attur qabad u xtara iehor gdid minflok talab certifikat gdid. Jichad ukoll l-allegazzjoni li ma tahomx zewg batteriji, anzi jghid li tahom zewg batteriji 'fully charged' ta' 100 Amps. Isemmi li l-attur kien qallu li l-pompa kienet qed taghmel l-ilma, u allura tah ohra gdida, izda ftit zmien wara l-attur rega' rritornahielu, u hu hariglu credit note. Lanqas m'hu minnu li ma ssigillawx il-hardtop, izda jghid li huma ghamlu s-sealer tul il-hardtop kollu.*

*Dwar l-allegazzjoni ta' ilma fil-poppa, jghid li l-atturi kienu qabbdu lill-espert Paul Cardona biex jara jekk kienx hemm ilma fil-poppa jew fil-hull, u wara li saru pilot holes, gie rilevat li l-lanca kienet niexfa u ma kienx hemm dhul t'ilma. Jispjega li l-ftit ilma li hareg seta' kien jew minn semplici dhul ta' ilma mid-deck jew condensation.*

*Meta rega' xehed seduta stante fit-28 ta' Mejju 2008, il-konvenut esebixxa parti mill-horn li nqala' god-dghajsa, Dok. "R 26".*

*Sussegwentement fil-21 ta' Novembru 2008 il-konvenut ipprezenta dikjarazzjoni guramentata (Dok. "JRX" a fol. 246) fejn spjega li meta d-dghajsa 'Grazzja' ttellghet mill-bahar, kien gie mqabbad mill-attur biex fost affarijiet ohra jaghmel xi xoghol ta' fibre glass. Ghaldaqstant huma rriferew dan ix-xoghol lil John Falzon, u hallas ghalih hu (l-konvenut) stess u mbaghad hu thallas taghhom minghand l-attur. Ghal xoghlijiet ohra bhal platform u sigillar tal-lanca minn gewwa, hallas ghalihom direttament l-attur.*

*Rat li fil-21 ta' Novembru 2008 xehed l-Inginier* ***Joseph Caruana*** *(a fol. 244) li kkonferma l-kontenut tar-rapport redatt minnu li jinsab a fol. 128 tal-process. Filwaqt li jghid li hu d-dghajsa qatt ma raha, jghid ukoll li r-rapport ghamlu a bazi tal-informazzjoni li nghatatlu mis-Sur Rosso u tad-dokumentazzjoni li nghata.*

*Rat li nhar il-11 ta' Gunju 2009, wara diversi differimenti, l-kawza giet differita Sine Die. Wara rikors tal-attur tas-16 ta' Gunju 2009, il-Qorti rriappuntat il-kawza ghas-6 t'Ottubru 2009.*

*Rat li fil-5 ta' Novembru 2009 rega' xehed* ***il-konvenut*** *li cahad li hu qatt ghamel xi xoghol ta' fibre glass fid-dghajsa tal-attur, izda x-xoghol sar minn certu Johnny fuq ordni tal-attur u thallas minnu direttament, izda mbaghad jghid li fil-fatt hallas tieghu hu u mbaghad inkludieh fil-kont tal-attur. Pero' mbaghad ikompli jispjega li fil-fatt fil-kont li hu ghadda lill-attur ma kienx hemm distinzjoni bejn ix-xoghol li sar minnu u dak li sar minn John Falzon, izda gew inkluzi bhala labour costs. Qal li dawn huma l-mija u hamsin Lira (Lm150) li gew kontestati mill-attur peress li qal li mhux gustifikati. Ikkonferma li tassew rega' ssigilla d-dghajsa tas-Sur Azzopardi, pero' mhux ghax kien hemm bzonn, izda fuq insistenza tal-attur, ghalkemm wara l-attur rega' hadha ghand Johnny u regghu qalghu u ghamlu kollox mill-gdid. Qal li effettivament lil John tal-fibreglass hu qabbdu jaghmel biss xoghol ta' rtukkjar. Ammetta li f'Novembru, xahar wara li l-attur ha d-dghajsa minghandu, kien qallu li kien se jeghreq, pero' ma hadhiex bi kbira ghaliex fil-fatt kien sab anke l-horn maqlugh, u kien jaf li l-attur kien hareg fil-maltemp u qala' hafna mewg u dahallu l-ilma mill-horn. Jikkonferma li kien ra ilma fil-V ta' quddiem tad-dghajsa u fil-kabina. Jghid li f'din il-V ta' quddiem hemm ukoll bieba li tinfed ghall-kabina li minn go fiha tilhaq l-ankra.*

*Meta rega' xehed fl-14 ta' Jannar 2010, (a fol. 264 et seq.) il-konvenut stqarr li huwa distributur u mhux agent tal-Bayliner ghalkemm hu minnu li fuq l-istationery hemm miktub li hu agent. Qal li ma jafx ezattament meta l-attur talbu jtellaghlu d-dghajsa. Qal ukoll li meta l-attur kien se jixtri d-dghajsa kien qallu li riedha ghal 'pleasure' pero' ma kienx jaf jekk ridhiex ghas-sajd jew le. Gie muri d-Dok. "R 4" esebit fl-atti a fol. 217 u kkonferma li din hija s-Service Form bil-kalligrafija tieghu. Din iggib id-data tat-22 ta' Jannar 2003 u kkonferma li l-attur kien qabel li kellhom isiru dawn ix-xoghlijiet. Mistoqsi min kienet il-persuna li effettivament ghamlet il-mechanical maintenance jghid li*

*jew Matthew jew Stephen Bajada. Inoltre kkonferma dak li qal fl-affidavit tieghu li fis-27 ta' Gunju 2003 ma kienx hu li nizzel id-dghajsa. Spjega li dak imnizzel fid-Dok. "R" a fol. 223 rigward tliet towing trips jirreferi ghal meta kienu nizzlu l-boat, meta tellghuha u meta gabruha biex jehduha fil-workshop. Ikkonferma li bintu hija Anna Maria Grech u li tahdem mieghu.*

*Gie muri d-Dok. "Z 1" u "Z 2" esebiti mill-attur u qal li bintu haditha for granted li t-towing kien mill-yard ghall-bahar, pero' hu kkonferma li fil-fatt ma nizzilhiex il-bahar. Ikkonferma li meta l-attur qallu li l-magna qed tishon kien bidel it-temperature sender, u qal li jista' jkun li dan sar waqt is-service u li ccargja lill-attur tieghu. Qal li jista' jkun ukoll li dan ikkawza overheating tal-magna. Meta gie muri r-ritratti a fol. 44 u 45, qal li ma jistax jghid li l-passaggi kienu 'blocked'. Ikkonferma li meta kienet fuq l-art, id-dghajsa kienet tigi startjata regolarment. Jaqbel ukoll li kien ta fire extinguisher lill-attur, pero' cahad li zammlu d-doppju tieghu.*

*Sostna wkoll li kien ta lill-attur zewg batteriji ta' 100Amps per hour, izda meta l-attur wahhal downrigger din kellha tinbidel. Ma cahadx li seta' biegh xi batterija lill-attur. Mistoqsi lil min kien biegh id-dghajsa qabel ma nbieghet lill-attur, qal li kien certu Zaru mix-Xghajra, Zabbar u obbliga ruhu li jghaddi d-dettalji ta' din il-persuna tramite l-avukat tieghu. Qal li kien ha d-dghajsa ghand tal-Cron ghaliex l-attur xtaq jaghmel xi xoghlijiet ohra fuqha. Cahad li kien jittratjeni mal-attur biex itellaghlu d-dghajsa.*

*Fl-ghaxra ta' Gunju 2010 rega' xehed in kontro-ezami u qal li l-persuna maghrufa bhala Zaru biddel l-indirizz u ghalhekk m'ghandux informazzjoni dwaru.*

*Rega' spjega li kien qabbad lil Johnny Falzon biex jaghmel*
*xoghol ta' fibre glass ghax hu ma jaghmlux. Spjega wkoll li huma kienu ksew il-gunnel bis-silicon izda l-attur ma kienx kuntent b'dan u ried li jinkesa minn gewwa, u ghalhekk kien qabbad lil John Falzon ghal dan ix-xoghol. Imbaghad qal li minhabba t-trapass taz-zmien, ma kienx cert mija fil-*

*mija ghaliex kien qabbad lil Falzon, pero' jaf li qabbdu jaghmel dak li ma setghux jaghmlu huma, bhal xoghol ta' rtukkjar. Qal li l-pop rivets taht il-gunnel m'ghamluhomx huma u lanqas jaf jekk sarx minn Falzon, pero' sostna li dan m'ghandux x'jaqsam mal-irtukkjar. Gie muri Dok. "R 4", Service Form, u filwaqt li kkonferma li hija mimlija minnu, sahaq li dan sar fuq l-ordni tal-attur, u allura hu kellu jaghmel biss dak ordnat mill-attur u li dan iffirma ghalih. Qal li t-temperatura sender tmur bl-uzu.*

*Sostna li l-attur beda jilmenta dwar id-dghajsa mill-ewwel gurnata. Qal li l-konsum tal-petrol jiddependi mill-velocita', u jekk il-karburatur itella' l-hmieg, naturalment trid tizzarma l-magna. Ftakar li kien hu li ntroduca lill-mechanic tieghu Matthew Bajada mas-Sur Azzopardi, u qallu jara x'kellu bzonn u kemm kien se johodlu, u dan mill-ewwel wiegbu Lm300. Hawn l-attur ried ikun meta tkun lesta d-dghajsa u il-konvenut qallu li dwar dan ahjar jiftiehem ma' Bajada. Insista li l-kwistjoni tal-overheating inqalghet wara li l-attur ha d-dghajsa, izda minghandu hadha tajba, izda rabbiet il-carbon meta l-attur kien imur irejjex. Ikkonferma li l-garanzija tiskadi wara sentejn.*

*Rat li nzamm access fuq id-dghajsa in kwistjoni. Gewwa l-Yacht Marina tal-Imsida, nhar id-disgha ta' Novembru 2009 (a fol. 262).*

*Rat in-noti ta' sottomissjonijet tal-partijiet.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi fl-ewwel lok il-konvenut qed jeccepixxi li l-attur imposta l-kawza tieghu a bazi tal-**artikolu 1390** tal-Kodici Civili u cioe "Jekk il-haga li l-bejjiegh biex jikkunsinna tkunx tal-kwalita' mwieghda, jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit."*

*Issa minn ezami preliminari tal-avviz jirrizulta bic car u ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dan hu proprju l-artikolu li fuqu ibbazaw it-talba taghhom l-atturi u dan ghaliex huma*

*jghidu fit-talba taghhom fir-rikors promotur li din il-Qorti ghandha permezz ta' nomina ta' periti nominandi tiddikjara li l-oggett mibjugh mhux skont il-kwalita' pattwita u sussegwentement tillikwida somma flus rapprezentanti n-nuqqasijiet li kellha din id-dghajsa fil-mument tal-bejgh. Illi l-kliem uzat mill-atturi huma simili ghal dak li jiddisponi l-istess artikolu u ghalhekk din il-Qorti sejra titratta ma' dan il-kaz a bazi ta' din id-disposizzjoni maghzula wara kollox mill-atturi stess.*

*Din il-Qorti taqbel mal-linja difensjonali tal-konvenut li l-attur iddecieda li jibbaza t-talba tieghu fuq l-Artikolu 73 u 74 tal-Kap 378 manmano li kien qed ihejji n-nota tieghu, u mhux meta pprezenta r-rikors promotur, u ghalhekk it-talba attrici ser tigi trattata mill-punto di vista tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16.*

*Illi m'hemmx dubju li l-atturi bix-xhieda taghhom u ta' dawk prodotti minnhom riedu jikkonvincu lill-Qorti li l-oggett tal- bejgh li gie konsenjat, kien sostanzjalment differenti min dak imwieghed, u dan ghaliex huma ndikaw diversi nuqqasijiet li kien hemm f'din id-dghajsa, kemm dawk li dehru vizwalment max-xiri u konsenja tad-dghajsa, kif ukoll dawk li feggew aktar tard wara li l-istess dghajsa giet varata.*

*Jirrizulta mill-atti u anke mix-xhieda tal-atturi stess, li huma kienu jafu li qed jixtru dghajsa ta' seba' snin u li din kienet ilha wieqfa fuq l-art ghal erba' snin. Issa huwa fatt komunement maghruf li meta dghajsa tkun wieqfa u mhux fil-bahar thaddem il-magni, din ikollha diversi hsarat.*

*Il-konvenut fin-nota tieghu sostna li l-attur messu bbaza l-azzjoni tieghu fuq dak premess fl-Artikolu 1424 u 1427, ghaliex fil-fehma tieghu semmai d-difetti kienu ma jidhrux u inoltre l-Artikolu 1390 jista' jigi nvokat mix-xerrej fil-mument*
*tal-bejgh u mhux snin wara.*

*Dwar id-difetti tad-dghajsa jinghad li kellha diversi u fil-fatt hafna minn dawk rilevati mill-attur lanqas biss gew kontestati mill-konvenut, partikolarment dwar il-fatt li*

*kellha batterija wahda, li l-hbula ma kinux tajbin u tal-istess tul u daqs, li l-fire extinguisher kien skadut, il-horn kien imkisser, il-hard top tad-dghajsa kellu jizzarma u jerga' jinbena wara li jigi ssiggillat, u diversi ohrajn. Dawn kollha huma difetti li jidhru vizwalment bl-ghajn. Dwar id-difetti l-ohra aktar serji jirrizulta li dawn hargu meta giet varata d-dghajsa fis-sena 2002. F'dik is-sena u cioe' fl-ewwel sajf meta d-dghajsa kienet ghand l-attur, waqt li kien qed jistad l-attur ma' xi nies ohra inqalghu diversi problemi, u dan kien rrimarkahom lill-konvenut li min-naha tieghu ghenu fejn seta', izda dan sehh kollu fis-sena 2002.*

*Jirrizulta li l-atturi xtraw id-dghajsa fid-19 ta Lulju 2002 u dawn uzawha spiss kwazi kull week-end meta t-temp ippermetta (vide xhieda ta' Jean Pierre Azzopardi ta' nhar it-8 ta' Mejju 2008) u kien biss tliet snin wara li huwa ntavola l-kawza odjerna. Jirrizulta wkoll, kif qal il-konvenut a fol. 273 para. 3, li l-attur beda jilmenta mid-dghajsa mill-bidu nett minn mindu hadha, u ghalhekk ma kienx hemm lok ghalfejn kellu jistenna tliet snin sabiex jintavola l-kawza.*

*Konsiderazzjonijiet legali*

*L-**Artikolu 1378 tal-Kodici Civili**, jistipula li l-bejjiegh ghandu fuq kollox zewg obbligi, jigifieri, li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-haga mibjugha. Da parti tieghu, ix-xerrej ghandu d-dritt li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob d-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' Periti (Art. 1390 tal-Kodici Civili).*

*Inghad ukoll li tali rimedju huwa moghti lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh u huwa abbinat mas-sitwazzjoni fejn jirrizulta li l-oggett hu differenti minn dak appattwit 'avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore' (**Grima vs Von Kohen** – Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884);*

*Gie osservat ukoll, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza fl-ismijiet **Piscopo vs Filletti et** deciza fis-16 ta' Gunju 2003 illi "ghandu jigi osservat illi tezisti diskordanza fil-gurisprudenza taghna in subjecta materia. Dan ghaliex*

*filwaqt li xi decizjonijiet isostnu li azzjoni ghar-rizoluzzjoni ta' bejgh mhux tal-kwalita' pattwita hi ammessa tant jekk ix-xerrej ikun gja rceva l-konsenja kemm jekk le (Vol. XII/1; Vol. XXVI/i/193; Vol. XXXII/i.163; Vol. XXXIX/i/250, fost bosta ohrajn), ohrajn isostnu illi tali azzjoni ghar-rizoluzzjoni per inadempjenza ma tistax tigi sperimentata wara l-konsenja (Vol. XX/i/273; Vol. XXI/i/399 u Vol. XLIX/ii/955)".*

*Ziedet tghid l-istess Qorti ta' l-Appell fis-sentenza* ***Piscopo vs Filletti et****, sup.cit., illi "Fil-kawza fl-ismijiet* ***Diacono vs Galea*** *riportata a Vol. XVIII/iii/59 il-Qorti tal-Kummerc kienet hemm spjegat l-elementi tal-azzjoni taht l-artikolu tal-ligi kontemplat billi rriteniet illi dawn huma: (i) il-premessa esplicita ta' xi kwalita` li l-kompratur kellu specjalment in mira; u (ii) li l-kompratur ikun ghad ma rceviex il-haga". Jekk huwa ircieva l-haga minghajr ebda protest, tinsorgi l-presunzjoni li hu sodisfatt.*

*Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet* ***Pace Asciaq vs Camilleri*** *deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imh. Ph. Sciberras fit-28 ta' Jannar, 2004 illi "minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f' kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz tal-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni tal-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga*
*u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja";*

*Issa f'dan il-kaz, l-attur ma ddepozitax id-dghajsa tieghu. Mill-atti processwali jirrizulta li d-difetti li ghandha d-dghajsa*
*tal-attur huma ta' certu portata u zgur li jaffettwaw il-kwalita' pattwita. Mhux dubitat li l-partijiet kienu ftehmu fuq*

*dghajsa li kellha tkun ta' servizz ghall-attur u li kienu ftehmu dwarha, u dwar x'kien l-iskop tal-uzu taghha, u cioe' ghas-sajd. Il-problemi qamu meta l-attur skopra li d-dghajsa konsenjata lilu kien fiha xi difetti. Illum snin wara, l-attur qieghed jippretendi li jitnaqqas il-prezz tad-difetti, kemm vizwali, kif ukoll dawk latenti, ghalkemm halla dan it-trapass ta' zmien jghaddi minn fuq il-hsarat. Minn dak li gie ripurtat iktar 'il fuq f'din is-sentenza pero', din l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kwalita' pattwita tista' tintlaqa'. Pero' din ghandha tigi abbinata bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Il-konvenut fl-eccezzjoni tieghu sostna li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1390 u 1407 tal-Kap 16.*

*Jinghad li una volta li tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, min jaghtiha ghandu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu, u cioe' li kien bhala fatt iddekorra t-terminu statutorju preskrittiv. Dan mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni. Altrimenti japplika l-principju "contra non valentem agere non currit prescriptio." Stabbilit dan, imbaghad jispetta lill-attur illi jaghzel it-triq lilu miftuha bil-ligi biex jiddefendi ruhu kontra l-estinzjoni tal-azzjoni tieghu f'wiehed jew aktar mill-mezzi li l-ligi tqieghed ghad-disposizzjoni tieghu.*

***L-artikolu 2137** tal-Kap 16 jipprovdi illi "l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma tittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Dan il-fatt ghandu jigi stabbilit b'mod konkluziv minn min jeccepixxi l-preskrizzjoni.*

*Skont is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Luciano Martinelli noe vs Saviour Pisani** nhar it-22 ta' Gunju 2005 jinghad li "Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi*

*lmanifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu*
*azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali;"*

***L-artikolu 1407 (1****) kwotat mill-konvenut jghid:*

*"1407. (1) L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghaz-zjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga' lura mill-kuntratt, tintilef eghluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt."*

*M'hemmx dubju li l-perjodu ta' sentejn huwa perjodu ta' dekadenza u ghalhekk il-perjodu preskrittiv beda jiddekorri mill-ghada li l-attur akkwista d-dghajsa, l-20 ta' Lulju 2002, u t-terminu tal-azzjoni spicca fil-21 ta' Lulju 2004. Kif enuncjat fis-sentenza* ***Sammut vs Pellegrini Petit*** *deciza fis-16 ta' Jannar 1920 (Vol. XXiV.1.276) "Quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quell termine, anziche di prescrizione e termine di decadenza, nel senso che, decorso quell termine, quell'atto non sarebbe piu ammissibile. La dottrina pone il criterio distinticoin cio che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento di un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si trattera di una decadenza"*

*Illi jirrizulta bic-car li l-attur intavola din il-kawza hafna wara s-sentejn permessi mil-Ligi, u cioe' fl-20 ta' Gunju 2005. Illi jirrizulta li verament f'xi hin kien hemm trattativi sabiex il-konvenut jaghmel tajjeb ghad-difetti li kellu l-attur, pero' skont il-ligi dawn it-trattattivi ma jwasslux ghall-interuzzjoni tal-azzjoni.*

*Skont dak li ntqal fis-sentenza indicjata fil-Volum XXXVIII p III pg 723 jinghad li "Lanqas it-trattativi li jistghu jkunu hemm bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekorrenza taz-zmien biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwistjoni, ma jistghu jkollhom effikacja interuttiva, ammeno che bhala effett u*

*fil-kors ta' dawk it-trattativi u filwaqt li jkun ghaddej iz-zmien il-venditur ma jkunx irrikonoxxa u ma jkunx ikkuntrasta l-ezistenza tal-vizju, b'mod li biex il-kompratur jista' jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara id-dekors taz-zmien jehtieglu jipprova li huwa fiz-zmien utili informa lill-venditur bil-vizzju tal-haga u li dan, f'dan iz-zmien ipprometta li jiehu l-haga lura jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju."*

*Issa fil-kaz in desamina zgur li ma jirrizultax li l-konvenut irrikonoxxa li kien hemm xi vizzju li jrid jaghmel tajjeb ghalih.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti ser tieqaf u mhux ser tiddiskuti l-mertu tal-kawza stante li fil-fehma taghha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1407 tal-Kap. 16 ghandha tigi milqugha, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra.***

***L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-attur.***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jean-Pierre u Iliana konjugi Azzopardi datat 20 ta' Dicembru 2010 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' April 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Joseph Rosso *proprio et nonine et* datata 7 ta' Jannar 2011 a fol 27 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 7 ta' Dicembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma li (a) il-kaz ma kellux jigi limitat ghall-preskrizzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1407 tal-Kap. 16,** izda kellu jigi ezaminat fil-kuntest tal-**artikolu 78 tal-Kap. 378** u dan ghaliex il-kawzali li l-oggett mhux tal-kwalita' pattwita taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 73,74 u 78 tal-istess Att;** (b) l-**artikolu 1407 tal-Kap. 16** ma kienx applikabbli peress li l-konvenut irrikonoxxa li hemm vizzju li jrid jaghmel tajjeb ghalih huwa.

Illi dwar l-ewwel punt jirrizulta li l-azzjoni kif impostata mill-atturi qatt ma rreferiet ghad-disposizzjonijiet tal-**Kap. 378** izda saret fuq l-allegazzjoni li tali daghjsa ma kinitx tal-kwalita' pattwita. Illi l-**artikoli 73 u 74 tal-Kap. 378** ma juzawx tali terminologija, proprju sabiex ma jikkonfondux l-azzjoni kontemplata mill-**Kodici Civili** ma' dik indikata fl-istess **Kap. 378,** tant li l-istess disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attur fin-noti tal-osservazzjonijiet tieghu biss jirreferu ghall-oggetti *"li ma humiex konformi mad-deskrizzjoni u l-ispecifikazzjonijiet fil-kuntratt ta' bejgh"* u *"nuqqas ta' konformita' fl-oggetti".* Certament li kieku l-atturi riedu jimxu b'din l-azzjoni specifika kienu b'xi mod jirreferu ghal tali azzjoni bil-kliem indikat mill-ligi li huma issa qed jirreferu ghalihom, u mhux juzaw terminologija li tirrispekkja ezattament dak kontemplat fl-**artikolu 1390 tal-Kap. 16** li tirreferi specifikatament ghall- *"hwejjeg mhux tal-kwalita' miftiehma jew bhal kampjun"* u dan bhala titolu tal-artikolu u fit-test tal-ligi jirreferi ghall-konsinna ta' oggett li *"ma tkunx tal-kwalita' mweghda jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar".* Minn qari tal-istess avviz u minn kif giet impostata l-kawza attrici

jirrizulta li din saret skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1390 tal-Kodici Civili** u ghalhekk l-Ewwel Qorti appplikat id-disposizzjonijiet tal-Ligi korrettament u dan ghaliex kien jidher car u ovvju li l-azzjoni kienet ippermjeta fuq l-azzjoni civili u ma hemm ebda indikazzjoni ta' xejn fl-att promotorju li l-istess atturi ghazlu li jimpostaw l-azzjoni taghhom fuq il-**Kap. 387,** li l-bazi tieghu hija ghal kollox differenti minn dik tal-azzjoni kontemplata fil-**Kodici Civili.** Lanqas jista' jinghad, kif donnu qed jippretendu l-atturi, li bil-**Kap. 387** gew b'xi mod mibdula l-elementi essenzjali tal-azzjoni li l-haga mhux tal-kwalita' pattwieta, u ghalhekk lanqas ireggi l-argument tal-appellanti, li l-Qorti setghet tikkonsidra wkoll id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 73, 74 u 78 tal-Kap. 387** u dan ghaliex il-Qorti f'kompetenza inferjuri *"tista' tiddeciedi fuq dak li jkun irrizulalha avvalolja ma; jkunx jidhol fil-paremetri fit-talba originali"* (**"Charles Spiteri et vs Associated Supplies Limited"** – A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003; **"Blanche Pace Bonello et vs Emmanuele Cordina"** (A.I.C. – 9 ta' Jannar 1960) u dan peress li l-azzjoni u r-rimedju provdut bil-ligi specjali huwa ghall-kollox differenti minn dak mitlub u kontemplat bl-azzjoni li saret abbazi tal-**artikolu 1390 tal-Kap. 16** u wahda certament ma tistax tigi konfuza mal-ohra, haga li jidher li l-atturi ppruvaw jaghmel waqt il-kors tal-kawza.

Illi dwar it-tieni aggravju fejn inghad li l-azzjoni ma hijiex preskritta ghaliex fit-terminu indikat fl-**artikolu 1407 tal-Kap. 16** ta' sentejn mid-data tal-kuntratt, data meta kellha tigi esperita l-azzjoni li l-oggett mhux tal-kwalita' pattwita jinghad li tali terminu huwa wiehed ta' dekadenza u dan kif deciz fis-sentenzi **"Sammut vs Pellegrini Petit"** (16 ta' Jannar 1920 – Vol. XXIV.i.276); **"Luciano Martinelli nomine vs Saviour Pisani"** (A.I.C. (PS) – 22 ta' Gunju 2005); **"Emanuel Borg vs John Xeureb"** (A.C. – 25 ta' Jannar 1989) li tali terminu ta' sentejn kontemplat fl-imsemmi artikolu huwa wiehed perentorju u allura ma jammettiex l-ebda sospensjoni jew interuzzjoni. Ghalhekk l-affermazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti li la darba d-daghjsa gie akkwistata fid-19 ta' Lulju 2002, mela allura t-terminu ta' sentejn mid-data tal-kuntratt kontemplat fl-**artikolu 1407 tal-Kap. 16** beda jiddekorri mill-20 ta' Lulju 2002 u spicca fl-20 ta' Lulju 2004 u ghalhekk la darba l-

azzjoni saret fl-20 ta' Gunju 2005, tali azzjoni hija preskritta kif sew qalet u rriteniet l-ewwel Qorti u ma hemm u lanqas ghandu jkun hemm ebda argument dwar sospensjoni jew interruzzjoni ta' preskrizzjoni la darba hawn qed nitkellmu dwar terminu ta' dekadenza.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat *proprio et nomine* datata 7 ta' Jannar 2011 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellenti Jean Pierre Azzopardi et fir-rikors tal-appell datat 20 ta' Dicembru 2010 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi "Jean Pierre Azzopardi et vs Joseph Rosso proprio et nomine" (Avviz Numru 376/05/CSH) datata 7 ta' Dicembru 2010 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti Jean Pierre u Iliana konjugi Azzopardi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------